# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 14**

**Rikors numru 719/22/1 CFS**

**Philippe Jean Guillaut**

**v.**

**HOSI Malta Limited (C-75590)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Jannar 2023 fejn *inter alia* l-Qorti; (i) ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta *stante* li mill-provi rriżulta illi bejn Lulju 2017 u Ottubru 2018 is-soċjetà konvenuta ma ħallsitx lill-attur l-ammont sħiħ ta' pagi u benefiċċji li kienu dovuti lilu skont il-kuntratt ta' mpjieg

tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2017, u b'hekk laqgħet is-sitt talba tal-attur Philippe Jean Guillaut; (ii) laqgħet is-seba' talba tal-attur u ordnat lil HOSI Malta Limited tħallas is-somma ta' €26,227.87 li kienet dovuta lilu f'pagi u benefiċċji skont il-kuntratt ta' mpjieg tiegħu.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fis-7 ta' Jannar, 2019 quddiem it-Tribunal Industrijali, l-attur fisser li fil-25 ta' Jannar, 2017 huwa daħal f'kuntratt ta' mpjieg mal-kumpanija konvenuta sabiex jaħdem bħala bdot u Assistent tal-RDFE mal-linja tal-ajru Heliconia Aero Solutions, li hija mwaqqfa taħt il-liġijiet tal-Marokk. Kompla jispjega li fit-3 ta' Mejju, 2018, il-kumpanija konvenuta bagħtitlu ittra fejn, mingħajr ma tatu ebda raġuni, għarrfitu li l-impjieg tiegħu kien sejjer jiġi mitmum fi żmien tliet xhur. Żied jgħid li fis-27 ta' Ġunju, 2018 il-kumpanija konvenuta bagħtitlu ittra oħra fejn għarrfitu li l-impjieg tiegħu kien sejjer jintemm fl-1 ta' Ottubru, 2018 minflok fit-3 ta' Awwissu, 2018.

3. Huwa saħaq li minħabba f'hekk, il-waqfien tal-impjieg tiegħu kien wieħed inġust, mhux biss għax il-kumpanija konvenuta ma tatux raġuni tajba għal dan il-waqfien, iżda wkoll għaliex hija baqgħet ma tatu l-ebda raġun. Minbarra dan, l-attur tenna wkoll li għalkemm fl-ewwel sitt xhur tal-impjieg tiegħu l-kumpanija konvenuta kienet ħallsitu l-paga u l-benefiċċji

kollha dovuti lilu, li jissarrfu fl-ammont sħiħ ta' €8,490 fix-xahar, mix-xahar ta' Lulju 2017 hija bdiet tħallsu paga u benefiċċji f'ammont totali ta' anqas minn hekk kull xahar u għalhekk sa dakinhar tar-rikors hija kien għad fadlilha tħallsu s-somma totali ta' €26,227.87, li tinkludi wkoll il-paga għall-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu fl-1 ta' Ottubru, 2018. L-attur qal li huwa kien bagħat żewġ ittri elettroniċi lill-kumpanija konvenuta sabiex hija tħallsu dak li kien dovut lilu iżda huwa baqa' ma rċieva xejn. Għalhekk huwa talab lit-Tribunal Industrijali sabiex:

> *«1. Jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent min-naħa ta' HOSI Malta Limited kienet inġusta stante li din saret mingħajr raġuni valida skont il-liġi;*
>
> *2. Jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, mingħajr raġuni valida skont il-liġi u mingħajr kumpens, huwa bi ksur tal-proviżjonijiet talAtt dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-istess kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrenti;*
>
> *3. Jillikwida l-kumpens li għandu jingħata lir-rikorrent Philippe Jean Guillaut mis-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited;*
>
> *4. Jordna lis-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited tħallas il-kumpens hekk likwidat lil Philippe Jean Guillaut;*
>
> *5. Jordna li s-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited terġa' timpjega lillattur bħala Pilota u RDFE Assistant jew li terġa' tingaġġah taħt dawk ilkundizzjonijiet illi dan it-Tribunal jidhrulu xierqa;*
>
> *6. Jiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel pagamenti fissomma totali ta' sitta u għoxrin elf mitejn sebgħa u għoxrin Ewro punt sebgħa u tmenin ċenteżmu (€26,227.87), rappreżentanti diskrepanza firremunerazzjoni dovuta lill-attur għax-xhur ta' bejn Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), kif ukoll għarremunerazzjoni dovuta għall-aħħar ġurnata ta' mpjieg fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u allowance għall-karozza dovuti lill-attur ai termini tal-kuntratt ta' mpjieg;*
>
> *7. Jordna lis-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited tħallas is-somma ta' sitta u għoxrin elf mitejn sebgħa u għoxrin Ewro punt sebgħa u*

> *tmenin ċenteżmu (€26,227.87) dovuta lill-attur bħala remunerazzjoni u allowance għall-karozza għax-xhur t'impjieg tiegħu.»*

4. Il-kumpanija konvenuta ppreżentat it-tweġiba tagħha fit-18 ta' Frar, 2019 u *inter alia* eċċepiet illi l-Liġi Maltija dwar l-Impjieg ma għandhiex tkun applikabbli għall-każ *de quo* u dan *ai termini* tal-Kapitolu 482 tal-Liġijiet ta' Malta li adotta bħala liġi domestika il-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 fuq il-Liġi li Tapplika għal Obbligazzjonijiet Kuntrattwali, li tistipola li l-liġi applikabbli għandha tkun dik tal-pajjiż fejn l-"impjegat soltu jagħmel ix-xogħol tiegħu fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt", ċjoè f'dan il-każ il-Marokk. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost eċċepew ukoll illi l-allegazzjoni illi t-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda inġusta hija waħda għalkollox infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi t-terminazzjoni saret skont il-ftehim bejn il-partijiet u ġiet aċċettata da parti tar-rikorrent. Żiedu illi ma hemm l-ebda ammont dovut bħala salarju mhux imħallas lir-rikorrent.

5. B'deċiżjoni tat-8 ta' Ottubru, 2021, it-Tribunal Industrijali ddeċieda li: (i) is-sitt u s-seba' talbiet tal-attur biex huwa jitħallas il-paga u l-benefiċċji li skontu baqgħu ma tħallsux lilu, imorru lil hinn mill-kompetenzi ġuridiċi tiegħu u għalhekk l-atti għandhom jiġu trasferiti lil dik il-qorti li hija kompetenti biex tiddeċiedi dwar dawn it-talbiet; (ii) it-tmiem tal-impjieg tal-attur kien wieħed skont il-liġi; u (iii) kull parti fil-kawża għandha ġġorr l-ispejjeż rispettivi tagħha.

6. L-attur appella minn din id-deċiżjoni u b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Ġunju, 2022, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri): (i) laqgħet l-appell tiegħu u b'konsegwenza t'hekk ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrjali tat-8 ta' Ottubru, 2021 sa fejn dan kien iddeċieda li l-attur tkeċċa mill-impjieg tiegħu ġustament; (ii) iddikjarat minflok li t-tkeċċija tal-attur mill-impjieg li kellu mal-kumpanija konvenuta kienet waħda inġusta skont il-liġi; (iii) bagħtet l-atti lura lit-Tribunal Industrijali sabiex dan jiddeċiedi dwar kemm kellu jkun il-kumpens li kellu jitħallas lill-attur minħabba t-tkeċċija mill-impjieg tiegħu; u (iv) iddeċidiet li l-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-kumpanija konvenuta. Wara din is-sentenza, l-atti tal-kawża ttieħdu lura quddiem it-Tribunal Industrijali u b'deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju, 2022, it-Tribunal ordna lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-attur Philippe Jean Guillaut kumpens fl-ammont ta' €46,500, filwaqt li laqgħet is-seba' talba ta' Philippe Jean Guillaut u ordnat lil HOSI Malta Limited tħallas lill-attur is-somma ta' €26,227.87 li kienet dovuta lilu f'pagi u benefiċċji skont il-kuntratt ta' mpjieg tiegħu.

7. Fil-11 ta' Awwissu, 2022, l-atti tal-kawża nġabu quddiem l-Ewwel Qorti sabiex hija tiddeċiedi dwar is-sitt u s-seba' talba tal-attur. B'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Jannar 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni ta' HOSI Malta Limited għaliex mill-provi tassew irriżulta li bejn Lulju 2017 u Ottubru 2018 hija

ma ħallsitx lill-attur l-ammont sħiħ ta' pagi u benefiċċji li kienu dovuti lilu skont il-kuntratt ta' mpjieg tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2017, u konsegwentement laqgħet is-sitt talba tal-attur u laqgħet ukoll is-seba' talba ta' Philippe Jean Guillaut u ordnat lil HOSI Malta Limited tħallsu s-somma ta' €26,227.87 li kienet dovuta lilu f'pagi u benefiċċji skont il-kuntratt ta' mpjieg tiegħu.

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi kif indikat *sopra* huma s-segwenti:

> *"Kif rajna qabel, skont il-klawżola 3 u l-Anness 1 ta' dan il-kuntratt, l-attur kellu jitħallas mingħand il-kumpanija konvenuta paga ta' €7,750 u benefiċċji flammont ta' €740 kull xahar. Magħduda flimkien, dawn iż-żewġ ammonti jlaħħqu għal salarju ta' €8,490 kull xahar. Madankollu, il-klawżola 3 tal-kuntratt tgħid ukoll li, «This remuneration, additional to the remuneration he shall receive directly from Heliconia Holding Morocco, shall enable the Employee to meet the expenses and obligations related to his expatriation.» Issa skont il-kuntratt ta' mpjieg tas-7 ta' Lulju, 2017, li daħal fih l-attur flimkien malkumpanija Heliconia Aero Solutions, li hija mwaqqfa fil-Marokk, l-attur kellu jitħallas paga ta' 21,000 Dirham kull xahar, li kif rajna aktar 'il fuq huma ekwivalenti għal madwar €1,900. Dan il-kuntratt ma jsemmi xejn dwar it-tnaqqis ta' din il-paga minn xi ħlas ieħor li seta' kien qiegħed jirċievi l-attur; Il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017 sawwar ir-rapport ġuridiku tal-partijiet f'din il-kawża, u għalhekk huwa meħtieġ li t-tilwima ta' bejniethom tiġi deċiża skont dak li ġie miftiehem bejniethom f'dan il-kuntratt (ara Irene Farruġia v. Koperattiva Riċevituri tal-Lottu et, Appell Superjuri, 27 ta' Jannar, 2017);*
>
> *Il-qorti tqis li bħala regola: (i) meta ftehim jkun sar fil-forma ta' kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (ii) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi ta' dik il-kitba; (iii) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba (ara General Cleaners Co Ltd v. L-Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29 ta' Novembru, 2011); u (iv) li din ir-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali (ara Mary Gatt v. Onor Edgar*

*Cuschieri noe, Appell Superjuri, 6 ta' Ġunju, 1955). Dwar dan il-punt, huwa stabbilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku jkun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-qorti mgħandhiex ddur fuq provi barranija għall-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku (ara Amante Caruana v. Saveria Bonniċi, Prim'Awla talQorti Ċivili, 31 ta' Jannar, 2003 u Karmena Callus et v. Dione Cassar et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' Frar, 2021);*

*omissis*

*Għalkemm il-partijiet wasslu għal konklużjonijiet għalkollox opposti dwar il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017, il-qorti tqis li l-kliem ta' dan il-kuntratt huwa wieħed ċar u univoku, għaliex jgħid iswed fuq l-abjad li l-paga li kellu jitħallas l-attur mill-kumpanija tal-grupp ta' Heliconia fil-Marokk kellha tkun addizzjonali għal dik li huwa kellu jitħallas millkumpanija konvenuta skont il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017. Ifisser dan, li l-attur kellu jirċievi kemm it-€8,490 mingħand il-kumpanija konvenuta u kif ukoll il-21,000 Dirham mingħand Heliconia Aero Solutions. Il-kumpanija konvenuta għalhekk m'għamlitx sew meta mis-somma ta' €8,490 dovuta lill-attur skont il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017, hija kienet qiegħda tnaqqas is-somma ta' 21,000 Dirham, li l-attur kien qiegħed jirċievi mingħand Heliconia Aero Solutions skont il-kuntratt tas-7 ta' Lulju, 2017;*

*Il-qorti terġa' ttenni li l-kliem tal-kuntratt huwa ċarissimu u ma jidher li sar l-ebda żball fih, u għalhekk hija ma tistax tagħti widen lil dak li stqarru x-xiehda mressqa millkumpanija konvenuta. Tabilħaqq, il-kumpanija konvenuta mgħandhiex raġun tgħid li hija kellha tnaqqas l-ammont tal-paga li kien qiegħed jirċievi l-attur mill-Marokk mill-ħlas li kellu jirċievi mingħandha skont il-kuntratt ta' mpjieg tal-25 ta' Jannar, 2017 għaliex dan il-kuntratt jgħid proprju bil-kontra. Wara kollox, minkejja li l-kumpanija konvenuta kienet għarrfet lill-attur b'dan it-tnaqqis, mill-atti ma jirriżultax li l-attur kien awtorizza dan it-tnaqqis jew li huwa kien daħal f'xi kuntratt ieħor magħha biex jinbidel dak li hemm mniżżel fi klawżola 3 tal-kuntratt;*

*Omissis*

*Għalkemm iż-żewġ partijiet ma ressqux prova ta' dak li tħallas l-attur f'pagi u benefiċċji mingħand il-kumpanija konvenuta, bħalma huma payslips, l-attur ippreżenta rendikont ta' dak li huwa tħallas u ta' dak li għadu dovut lilu mingħand il-kumpanija konvenuta għax-xhur ta' bejn Lulju 2017 u Settembru 2018 (ara r-rendikont f'paġna 23 tal-atti talkawża). Min-naħa tagħha l-kumpanija konvenuta fl-ebda waqt, matul is-smigħ talkawża, ma ppruvat twaqqa' jew tikkontradixxi dan ir-rendikont, u għalhekk il-qorti sejra toqgħod fuqu. Wara kollox, dan ir-rendikont huwa wieħed li jagħmel sens, għaliex minnu jidher li t-tnaqqis mill-paga tal-attur beda jseħħ minn Lulju tas-sena 2017, jiġifieri fl-istess xahar li fih l-attur daħal f'kuntratt ta' mpjieg mal-kumpanija Heliconia Aero Solutions;*

> *Hekk ukoll, il-kumpanija konvenuta fl-ebda waqt ma kkontestat l-allegazzjoni tal-attur li hija ma ħallsitux il-paga li hija dovuta lilu għall-1 ta' Ottubru, 2018, li kienet l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu. Għalhekk il-qorti sejra tqis li din ukoll għadha dovuta lill-attur; Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti qiegħda tiċħad it-tielet eċċezzjoni talkumpanija konvenuta, filwaqt li tilqa' s-sitt u s-seba' talba tal-attur billi tordna lillkumpanija konvenuta tħallsu s-somma ta' €26,227.87, li kienet dovuta lilu f'pagi u benefiċċji bejn ix-xhur ta' Lulju 2017 u Ottubru 2018 skont il-kuntratt ta' mpjieg tal-25 ta' Jannar, 2017."*

9. Permezz tal-appell tagħha s-soċjetà konvenuta talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Jannar 2023 u minflok tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà appellanti u tiċħad is-sitt u s-seba' talbiet tal-attur appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat.

10. Is-soċjetà appellanta ressqet żewġ aggravji fejn essenzjalment ilmentat mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ma qisitx l-inkonsistenza fil-verżjoni tal-appellat, u li l-verżjoni tal-istess appellat mhi xejn verosimili u kredibbli.

11. L-appellat wieġeb għal dan l-appell fid-9 ta' Marzu 2023, u afferma illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita illi tiġi konfermata *in toto.*

12. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li mhemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Permezz tal-***ewwel aggravju*** s-soċjetà appellanta tisħaq illi mhuwiex minnu illi l-appellat kellu jibqa' jirċievi l-ammont li kien qiegħed jirċievi oriġinarjament fil-munita ewro u addizzjonalment ma' dan l-ammont kellu jirċievi ukoll ammont ulterjuri fil-munita Dirham. Filfatt fl-affidavit tiegħu l-appellat iddikjara illi kien wara li ġie terminat l-impjieg li ntebaħ li kien hemm diskrepanza. Għalhekk il-verżjoni tiegħu illi kien jistaqsi lis-soċjetà appellanta dwar l-allegat nuqqas, u li din il-kwistjoni baqgħet qatt ma ġiet riżolta, ma treġġix fil-konfront ta' din id-dikjarazzjoni, *stante* li waħda teskludi lill-oħra. Lanqas ma jista' jitwemmen li l-appellat qatt ma ħa l-inizjattiva li jibgħat bil-miktub lis-soċjetà appellanta sabiex ikollu konferma ta' dan kollu.

14. L-appellat jargumenta illi minn qari tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, wieħed jinduna illi l-Qorti mhux biss apprezzat il-fatti kollha miġjuba quddiemha iżda anke tat spjegazzjoni ta' kif dan l-apprezzament wassalha għad-deċiżjoni finali tagħha. L-Ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għal ġurisprudenza dwar l-apprezzament tal-provi f'kawżi li jirrigwardaw ħlas ta' krediti u in segwitu għal apprezzament tax-xhieda miġjuba, għaddiet biex tevalwa l-kuntratt ta' mpjieg. Għalhekk l-appell ċertament li ma jistax jintlaqa a bażi li l-Ewwel Qorti eżerċitat id-

diskrezzjoni tagħha ħazin. Iżid illi l-Ewwel Qorti kienet fl-aħjar qagħda biex tisma' u tiżen il-provi miġjuba quddiemha b'dan illi għalhekk tali apprezzament m'għandux jiġi disturbat leġġerment speċjalment meta l-Ewwel Qorti uriet bl-iżjed mod ċar id-dettal li daħħlet fih sabiex għamlet apprezzament ġust tal-provi.

15. *Di più* sostna ukoll illi mhuwiex minnu illi huwa ma ndunax bid-diskrepanza fil-paga li kienet qiegħda tingħatalu qabel ma ġie terminat l-impjieg tiegħu, iżda li nduna bid-diskrepanza eżatta wara li huwa dar il-kontijiet kollha. Jisħaq illi huwa kemm-il darba talab kopja tal-*payslip* sabiex ikun jista' jifhem għal fejn kien qiegħed jirċievi elfejn ewro (€2000) inqas, iżda dawn qatt ma ngħatawlu.

16. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva illi l-kompitu tal-Ewwel Qorti kien dak li jindirizza biss is-sitt u s-seba' talbiet tal-attur, *stante* li dawn ma kinux jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Permezz tal-imsemmija talbiet, l-attur Philippe Jean Guillaut talab illi jiġi mħallas is-somma totali ta' €26,227.87, li skontu kellha tiġi mħallsa lilu f'pagi u benefiċċji għax-xhur ta' bejn Lulju 2017 u Settembru 2018 skont il-kuntratt ta' mpjieg tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2017 (ara rendikont magħmul mill-attur f'paġna 23 tal-atti tal-kawża dwar dak li skontu għadu dovut lilu mingħand il-kumpanija konvenuta għal dawn ix-xhur). Din is-somma tinkludi wkoll il-paga għall-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu fl-1 ta' Ottubru, 2018, li huwa

jgħid li baqa' ma tħallasx mingħand il-kumpanija konvenuta.

17. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti tal-proċeduri u ma tqisx illi għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni raġġiunta mill-Ewwel Qorti. Dak li essenzjalment qiegħda titlob is-soċjetà appellanta huwa ri-eżami tal-provi prodotti in prim'istanza. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan.

18. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħal li kieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu mibnijja fuq dawk il-provi din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. *(Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula.)*

19. Il-Qorti rat illi s-soċjetà appellanta tibbaża dan l-aggravju tagħha fuq frażi partikolari fl-affidavit tal-appellat, fejn l-appellat iddikjara illi huwa kien intebaħ bid-diskrepanzi "*Following my dismissal…*" Dan, skont l-

istess soċjetà appellanta jikkontradixxi dak rilevat mill-istess appellat *viva voce* meta huwa afferma illi b'mod regolari huwa kien isaqsi lill-uffiċjali dwar dawn id-diskrepanzi, b'dan illi għalhekk il-verżjoni tal-appellat hija waħda inkonsistenti. Essenzjalment, din id-diskrepanza hija konsegwenza ta' aspett ieħor konsiderevolment ikkontestat mill-partijiet tul il-proċeduri u ċjoè: il-qasma tas-salarju kontrattat bejn is-soċjetà appellanti u l-appellat.

20. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi din il-frażi ttieħdet barra mill-kuntest relattiv. L-appellat fil-fatt fl-affidavit tiegħu spjega kif wara li ġie tterminat l-impjieg tiegħu, huwa "*I went through all of my accounts, particularly through all the payments of remuneration and car allowances due to me in terms of the Employment Contract for my entire period of employment. Unfortunately, I discovered a discrepancy in payments affected by HOSI Malta Limited and payments due to me in terms of the contract."* Huwa pależi għal din il-Qorti illi dak li għamel l-appellat kien eżerċizzju ta' rikonċiljazzjoni tal-kontijiet tiegħu sabiex jistabilixxi b'mod aktar konkret dak dovut lilu, partikolarment fl-isfond tal-fatt illi huwa kien issa anke safa bla xogħol.

21. Il-Qorti ma tqisx illi x-xhieda tal-appellat hija waħda inverosimili għaliex xehed illi kien avvanza l-ilmenti tiegħu f'dan ir-rigward mal-uffiċjali relattivi verbalment, speċjalment meta wieħed iqis illi f'dak il-perjodu l-

appellat kien għadu impjegat mas-soċjetà appellanti. Il-Qorti rat ukoll illi minkejja li s-soċjetà appellanti pruvat tpinġi lill-appellat bħala bniedem passiv, Chris Krajewski, fix-xhieda *viva voce* tiegħu (ara fol 171 *et seq*) spjega illi fir-rigward tal-kwistjoni tal-qasma tas-salarju: *"As I have been told there was extensive email traffic between him (appellant) and the HR Manager at the time to discuss the split of salary… but I know there was quite a bit of email traffic to discuss the currency split."* Tali affermazzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti xxejjen it-teżi tas-soċjetà appellanti. Fil-fatt kif korrettament osservat mill-Ewwel Qorti, is-soċjetà appellanti baqgħet qatt ma esebiet il-*payslip*s relattivi.

22. Għalhekk u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmula *sopra*, ma tqisx illi dan l-aggravju huwa wieħed fondat.

23. Permezz ***tat-tieni aggravju***, u b'rabta mal-ewwel aggravju, is-soċjetà appellanti tikkontendi illi l-verżjoni tal-appellat xejn ma kienet waħda verosimili u kredibbli, b'dan illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konklużjoni minnha raġġiunta. Żiedet illi l-appellat kien konsapevoli li kienet ser titħaddem sistema fejn parti mill-paga tiegħu kienet ser tiġi mħallsa b'munita oħra, u fil-fatt din qatt ma ġiet kontestata minnu. Filwaqt illi s-soċjetà appellanti ma tikkontestax il-kuntratt li sar f'Jannar tas-sena 2017, lanqas ma jista' jiġi njorat għal kollox, l-iskambju ta' *emails* li

jispjega bl-aktar mod ċar il-modalità tal-ħlas tal-paga. Issostni illi l-Ewwel Qort ma tatx piż għal dak li xehdu l-partijiet u żammet biss mal-kuntratt.

24. L-appellat wieġeb għal dan l-aggravju billi afferma illi mhuwiex minnu li hu qatt ma ħa azzjoni għaliex l-ilmenti tiegħu kienu ilmenti verbali. Mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti njorat għal kollox u ma kkunsidratx bħala validi skambji ta' *emails*. Jisħaq illi dawn ma jikkostitwux xi tip ta' ftehim bejn il-partijiet u lanqas ma ħolqu obbligi u/jew relazzjoni kuntrattwali b'dan illi ma kien hemm l-ebda qbil, ftehim jew kunsens fuq kundizzjonjiet ġodda. Isostni illi l-*emails* juru biss proposta mill-prinċipal ta' kif għandha tinqasam il-paga u ma hemm l-ebda prova illi l-appellat wera qbil fuq dan. Iżid illi filwaqt li s-soċjetà appellanti tiffoka biss fuq il-kredibbilità tal-appellat, tonqos milli tindika liema provi minnhom prodotti kellhom iwasslu lill-Qorti tal-Ewwel Grad għal deċiżjoni differenti. Sostna illi dan il-kuntratt huwa kuntratt ta' mpjieg u għalhekk huwa regolat mill-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u japplika wkoll l-Artiklu 15 tal-istess Kap.

25. Dan l-aggravju jindirizza aspett kombattut tul il-proċeduri, u ċjoè l-kwistjoni tal-qasma tas-salarju tal-appellat. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa t-testimonjanzi kollha u d-dokumentazzjoni esebita, u hija tal-fehma illi dan l-aggravju ukoll ma jiswiex. Minn qari tas-sentenza tal-Ewwel Qorti huwa pależi illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-provi kollha in atti, inkluż l-iskambju tal-*emails* bejn il-partijiet, u kif ukoll ix-xhieda tad-diriġenti u uffiċjali oħra

fi ħdan is-soċjetà appellanta. Huwa kkontestat illi r-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata b'żewġ kuntratti ta' xogħol u ċjoè: dak datat 25 ta' Jannar 2017 u dak datat 7 ta' Lulju 2017. Il-Qorti rat illi skont il-kuntratt ta' mpjieg tal-25 ta' Jannar, 2017, l-appellat kellu jitħallas mingħand il-kumpanija appellanti paga ta' €7,750 u benefiċċji fl-ammont ta' €740 kull xahar (ara l-klawżola 3 u l-Anness 1 ta' dan il-kuntratt). Magħduda flimkien, dawn iż-żewġ ammonti jlaħħqu għal salarju ta' €8,490 kull xahar.

26. Kif korrettement osservat mill-Ewwel Qorti, klawżola numru 3 tal-kuntratt ta' mpjieg datat 27 ta' Jannar 2017 tistipula b'mod inekwivoku illi:

> *"This remuneration, additional to the remuneration he shall receive directly from the Heliconia Holding Morocco, shall enable the employee to meet the expenses and obligations related to his expatriation."*

27. Jirriżulta ukoll illi d-diskrepanza lmentata mill-appellat hija relattiva għas-salarju tal-appellat mix-xahar ta' Lulju 2017, b'dan illi minn Jannar sa Ġunju 2017, l-appellat xehed illi huwa kien irċieva l-paga hekk maqbula. Il-Qorti osservat ukoll illi t-tieni kuntratt u ċjoè dak datat 7 ta' Lulju 2017, lanqas ma jagħmel xi tip ta' aċċenn għal dak affermat mis-soċjetà appellanti fl-*emails*, u fil-fatt jirrifletti dak oriġinarjament pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt tal-25 ta' Jannar 2017. Il-kuntratt fil-fatt ma jsemmi xejn dwar it-tnaqqis ta' din il-paga minn xi ħlas ieħor li seta' kien qiegħed jirċievi l-appellat.

28. Kif sottolineat mill-appellat fir-risposta għall-appell odjern, hija biss email waħda li tirrisali għal data anteċedenti għad-data tat-tieni kuntratt, u ċjoè dik immarkata bħala dok PM2, filwaqt li dok PM3 hija datata 26 ta' Lulju 2017. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jxejjen il-verżjoni tas-soċjetà appellanti illi kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet qabel l-iffirmar tat-tieni kuntratt ta' mpjieg.

29. Fil-fatt kif anke aċċennat *sopra*, Chris Krajewski, fix-xhieda *viva voce* tiegħu (ara fol 171 *et seq*) jgħid li kien hemm diversi *emails* bejn l-appellat u s-superjuri tiegħu fir-rigward ta' din il-proposta, u fil-fehma ta' din il-Qorti t-tieni kuntratt u ċjoè dak iffirmat f'Lulju tas-sena 2017, huwa prova konkreta illi tali skambju ta' *emails* ma ssarraf fl-ebda qbil fuq il-kwistjoni. Lanqas ma ġew esebiti xi forma ta' emendi fil-kuntratt tal-impjieg tal-appellat minkejja li sar aċċenn għal dan fl-*emails* esebiti. Fil-fatt fit-testimonjanza tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2020, Paul Murtagh ikkonferma illi: *"There is no amendment in terms of the Maltese contracts, in terms of the split."* Din il-Qorti għalhekk ma riskontrat l-ebda prova li effettivament tindika illi l-appellat awtorizza tali tnaqqis jew li huwa kien daħal f'xi kuntratt ieħor mas-soċjetà appellanti biex jinbidel dak li hemm imniżżel fi klawżola numru 3 *sopra* ċitata tal-kuntratt.

30. Din il-Qorti tabbraċja dak rilevat mill-Ewwel Qorti, u ċjoè li hija regola ta' interpretazzjoni ta' kuntratti li meta l-kliem ta' kuntratt ikun ċar,

dak li jkun qiegħed jinterpretah għandu joqgħod għal dak il-kliem u ma jistax joqgħod jistħajjel u jasal għal suppożizzjonijiet dwar x'jista' jfisser. Fejn it-tifsir tal-ftehim ikun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim ma jpoġġux fid-dubju r-rieda tal-kontraenti, il-ġudikant huwa prekluż milli jagħti tifsira diversa minn dik li jkunu tawha l-kontraenti. Minkejja li l-partijiet ressqu verżjonijiet kompletament opposti, din il-Qorti hija tal-istess fehma tal-Ewwel Qorti illi, il-kliem ta' dan il-kuntratt huwa wieħed ċar u univoku, b'dan illi iswed fuq l-abjad jistipula illi l-paga li kellu jitħallas l-attur mill-kumpanija tal-grupp ta' Heliconia fil-Marokk kellha tkun addizzjonali għal dik li huwa kellu jitħallas mill-kumpanija konvenuta skont il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017. Għalhekk l-attur kellu jirċievi kemm it-€8,490 mingħand il-kumpanija konvenuta u kif ukoll il-21,000 Dirham mingħand Heliconia Aero Solutions. L-Ewwel Qorti għalhekk kienet korretta meta skartat dak li stqarru x-xiehda mressqa mis-soċjetà appellanti.

31. Għaldaqstant, din il-Qorti ssib illi t-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

**Deċiżjoni :**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula *sopra*, billi tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u

tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi tas-16 ta' Jannar 2023.

Tordna illi l-ispejjeż tal-appell għandhom ikunu kollha a karigu tas-soċjetà appellanta.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da